
MONS SION IN JERUSAL



Taqsima
Mill-Belt Ta' Gerusalem
Bil-Bieb Tagħha l-Ewlieni
U l-Koppla l-Kbira
Li taħtha jinsab
Il-Qabar ta' Kristu

Is-Seba' Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1961 | Għadd 3

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."*

# LEĦEN
# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROG KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ għand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA




Is-Seba' Sena | LULJU - SETTEMBRU, 1961 | Għadd 3

## X'FIH DAN IL-GĦADD


L-Egħżeż Tifkiriet (Id-Direzzjoni) ... 65

Il-Vanġelu ta' San Ġwann (P.P. Saydon) ... 66

Dawra ma' l-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) ... 68

L-Istorja ta' Ġerusalem (Dun Anton Tabone) ... 72

Rgħajja u Mrieħel fil-Bibbja (Patri G. Facc!o O.F.M.) ... 76

L-Iġbla tal-Karmelu (R. Magliocco) ... 79

Il-Meżuża (P. Ubertinu Berti O.F.M.) ... 82

Tis!im il-Għarab (P. Na-cissu Cecchitelli, O.F.M.) ... 84

Il-mewt ta' Pere Vincent O.P. (l-Editur) ... 90

Ħrejjef Lhudin ... 93

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... 95

Requiescant In Pace ... 96


*Direzzjoni*: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
*Amministrazzjoni*: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

# L-EGHZEZ TIFKIRIET

*Kull min hu Nisrâni minn qalbu — m'hux Nisrâni għax jaqbillu, jew għax hekk iġib il-mân — għandu jħoss qima bla tarf u mħabba bla qjies, lejn Dak iż-Żagħżugħ Lhudi, mill-Palestina, jismu Ġesù, li għax għallem u għamel is-sewwa, dwar elfejn sena ilu, sallbuh u qatluh hemmekka.*

*Għax bħal ma l-kalamîta tiġbed lejha kull ħaġa magħmula mill-ħadîd, hekk ukoll Ġesù, bl-imxija Tiegħu li tlaħħaq kull imkien, jiġbed lejh lil kull min għandu rieda tajba. Kull min hu ta' raj tajjeb, lil ġibda ta' Ġesù ma jistax jeqfilha. Meta jisma' bih, u jifli kliemu u egħmilu, u jifhmu sewwa, jiġri lejh bħal ma l-ilma jiġri għan-niżla, u jixteħet fih bħal ma l-wied jixteħet fil-baħar. U jgħidlu b'qalbu u ruħu kollha: "Ġesù, Int Hu s-Sid u s-Sultân u Alla tiegħi!". Għal hekk, Ġesù Huwa s-Sid u s-Sultân, ta' dawk li huma Nsâra fil-qalb, bir-raj tagħhom infushom. Huma marru lejh minn jeddhom, għax ir-raj tagħhom jaqbel ma' Tiegħu.*

*Imma fejn Hu Ġesù l-lum? 'Il fejn tinġibed il-qalb tan-Nisrâni? Fejn, fit-tielfa ta' mħabbitha, tobsor li tista ssibu, tad-demm u l-laħam, ħalli titgħaxxaq bih u tisma' kliemu? Tinġibed naħa waħda: lejn il-Palestina. Għax fil-Palestina, fuq naqra ta' għolja mdawra bis-siġar, issib lil Betlehem, u fin-niżla tagħha, il-Għar fejn Ġesù twieled, u taħt l-għolja, l-wied tas-Saħrîn, fejn ir-rgħajja kienu jisħru, meta tbaxxru bi Twelidu. Naħa oħra, hemm Nazaret, fejn trabba u fejn hemm il-fdâl ta' dar Ommu, u tal-ħanut tax-xogħol ta' Dak li għadda b'missieru. Hemm ix-xriegħa tal-Ġordân, fejn tgħammed, u l-iġbla għerja u waħxija, fejn kien imġarrab. Hemm il-ħerba ta' Kafar-Nahûm, fuq xatt il-għadîra ta' Kînneret, u l-wetja ta' Ġenesâr, imsoqqija bl-ilma ġieri, u miksija bil-ħaxîx u l-fjuri. Hemm il-għolja tal-Barkiet, u ma' dwarha r-raba, biż-żara jmewweġ, u bit-trejqiet f'nofsu. Hemm ir-raħal ta' Nagħîm, u qribu, għalih waħdu, jirtafa' t-Tâbor. U mbagħad, hemm il-Belt Imqaddsa ta' Ġerusalem, u fiha t-Tempju, fejn Ġesù kellu l-eħrex taqbid mal-għedewwa. U 'l fuq mit-Tempju, ċ-Ċenaklu, fejn tgħaxxa l-aħħar darba; u 'l isfel mit-Tempju l-wied ta' Kedron, u ma' ġenbu l-Ġetsemni. Fil-Belt ukoll hemm il-Qàsar ta' Pilatu, fejn kien mogħti għal mewt u mgħobbi s-salib, u l-Kalvarju, fejn miet, u l-Qabar, fejn meddewh mejjet. U fl-aħħar hemm l-għolja taż-Żebbuġ, minn fejn, erbgħin jum wara, tala' s-sema!*

*Il-qalb, mela, tiġbed lin-Nisrâni, bis-seħer tal-Imħabba, lejn il-Palestina, biex hemm tfittex lil Ġesù, u tarah u tisimgħu! Imma lil Ġesù ma ssibux, għax Ġesù m'għadux hemm! B'dana kollu, tarah ċkejken fit-tfâl żgħar ta' hemm, lebsin, bħal ma kien jilbes hu, qmis twila-twila. Tarah raġel bil-leħja, fil-Fellaħîn, liebes qumbâs u għâba, u ħatta u għaġâl fuq rasu; tisma' l-lingwa li kien jitkellem Hu, li għadha qisha dik li kienet fi żmienu, xorta waħda. Tara l-għoljiet li kien jitla' u l-widjien li kien jinżel; it-toroq li kien jmxi, u d-djâr żgħâr, bħal dik li kien jgħammar fiha. U l-qalb tistrieħ, u l-moħħ jixxiegħel. Għal hekk, mela, biex iserrħu l-Imħabba ta' qalbhom, minn mad-dinja kollha, eluf ta' Nsâra, kull sena, imorru jżuru l-Art Imqaddsa!*

***ID-DIREZZJONI***